**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Mary Rose Vella**
**Charmaine Vella**

Kaz Numru: 16/2017

Illum 14 ta' Novembru 2017

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati **Mary Rose Vella,** bint Saviour Curmi u Angela nee' Spiteri, imwielda fil-31 ta' Jannar 1948, residenti fil-fond Hotel Xlendi Resort and Spa, Triq San Xmun, Xlendi Bay, Munxar, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 12348(G) u **Charmaine Vella,** bint Joseph u Mary Rose nee' Curmi, imwielda fit-8 ta' Settembru 1977, residenti fil-fond

Marvic, Triq San Xmun, Xlendi Bay, Munxar, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 503177(M), akkuzati talli:

Fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' kummercjali 'All Seasons Holidays Limited (C–37825) b'indirizz registrat Hotel Xlendi Resort & Spa, St. Simon Street, Xlendi Bay, Munxar (Gozo) Malta u/jew bhala persuni li kienu ingarigati mill-istess socjeta' kummercjali sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-**pagi** dovuti ghall-perijodu ta' bejn il-25 ta' Jannar 2016 u d-9 ta' Gunju 2016, ammontanti ghal €6853.77, naqsu jhallsu parti mill-**bonus statutorju** ghall-perijodu ta' bejn il-25 ta' Jannar 2016 u d-9 ta' Gunju 2016, ammontanti ghal €103.80, naqsu li jhallsu parti **weekly allowance** ghall-perijodu ta' bejn il-25 ta' Jannar 2016 u d-9 ta' Gunju 2016, ammontanti ghal 93.20 ewro, naqsu li jhallsu **festi pubblici** ghall-perijodu ta' bejn l-10 ta' Frar 2016 u s-7 ta' Gunju 2016 ammontanti ghal €346.15, u naqsu li jhallsu l-**vacation leave** dovut ghall-perijodu ta' bejn il-25 ta' Jannar 2016 u d-9 ta' Gunju 2016, ammontanti ghal €638.99, li b'kollox jammontaw ghal tmint elef u hamsa u tletin ewro u wiehed u disghin centezmu (€8035.91), versu liema ammont thallas pagament ta' 4160 ewro u tnaqqas il-vacation leave gia mehud li jammonta ghal €623.07 fejn l-ammont dovut rimanenti huwa dak ta' tlett elef, mitejn u tnejn u hamsin ewro u erbgha u tmenin centezmu (3252.84) inkluzi t-taxxa u l-bolla u li kienu dovuti lill-ex impjegata taghhom u cioe' lil Ian Scott Moyes (I.D. 109350A)

Ghaldaqstant, il-Qorti hija gentilment mitluba bir-rispett tordna lill-imputati ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallsu l-penali skont il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 u tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviz 427 tal-2007 u 259 tal-2012 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ihallsu lil Ian Scott Moyes (I.D. 109350A) l-ammont ta' tlett elef, mitejn u tnejn u hamsin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€3252.84) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

**RAT ir-rapport tal-espert legali Dr. Jean Paul Grech datat 13 ta' Novembru 2017 u taghmlu taghha.**

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI U FATTWALI**

L-imputati **Mary Rose Vella u Charmaine Vella** qeghdin jigu akkuzati li huma kisru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 45(1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jistabilixxi li:

> *"Kull prinċipal li jikser jew jonqos milli joqgħod għal xi kondizzjoni magħrufa ta' impieg preskritt b'ordni ta' standard nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur jew bi ftehim kollettiv, jew għal xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu jeħel, sakemm ma jkunx hemm piena differenti stabbilita għal reat bħal dak, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)."*

Barra minn hekk, il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti biex tordna lill-imputati jhallsu lill-Ian Scott Moyes il-pagi dovuti lilu ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kap. 452 illi jistipula li:

> *"Meta xi prinċipal jinstab ħati li –*
>
> *(a) ikun naqas li jħallas pagi b'mhux anqas mir-rata applikabbli skont kondizzjoni magħrufa ta' impieg kif imfisser fit-Taqsima III*

*ta' dan l-Att jew skont kuntratt ta' servizz, liema tkun l-ogħla, jew*

*(b) ikun għamel tnaqqis illegali jew ikun waħħal xi multa minbarra dawk espressament permessi bl-artikolu 19, jew*

*(ċ) ikun naqas li jħallas xi bonus li għandu jitħallas skont l-artikolu 23, jew xi ħlas ieħor li għandu jitħallas minn prinċipal lil impjegat skont dan l-Att jew skont xi ordni magħmul taħtu, jew*

*(d) ikun żamm xi rimunerazzjoni jew xi pagament li għandu jitħallas minflok in-notice, jew*

*(e) ikun naqas li jagħti vaganzi bi ħlas kif provdut jew kif speċifikat f'xi ordni ta' standard nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew kuntratt ta' servizz, jew*

*(f) ikun naqas li jagħmel xi pagament dovut lil impjegat skont dan l-Att jew skont xi ordni ta' standard nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni ieħor magħmul taħt dan l-Att,*

*il-qorti għandha, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, minbarra li tagħti l-piena stabbilita bis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, tordna lill-ħati, wara l-prova tal-ammont, li jirrifondi jew iħallas lill-impjegat jew lill-impjegati li jkunu, jew lill-apprendista jew lill-apprendisti li jkunu, skont il-każ, l-imsemmi ammont dovut minnu, fil-każ ta' vaganzi bi ħlas li ma jingħatawx, somma daqs il-ħlas dwarhom, u kull ordni bħal dak tal-qorti għandu jkun tal-istess forza u effett u jkun esegwibbli bl-istess mod daqslikieku jkun ingħata f'kawża ċivili bejn l-impjegat jew l-impjegati li jkunu jew l-apprendista jew l-apprendisti li jkunu, skont il-każ, u l-prinċipal:*

*Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tnaqqas minn xi jedd tal-impjegat jew l-apprendista, skont il-każ, li jiġbor b'xi mezzi oħra kull ammont li hu jkollu jieħu."*

Ta' rilevanza wkoll ghall-kaz in dizamina huwa l-artikolu 46 tal-Kap. 452, applikabbli meta r-reat isir minn kumpanija. Dan l-artikolu jistabilixxi li:

*"Meta reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet magħmula bis-saħħa tiegħu jsir minn soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni, kull persuna li fiż-żmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, Segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta' dik is-soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni jew kienet tidher li qed taġixxi f'xi kariga tali titqies li tkun ħatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li kienet eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex timpedixxi l-għemil tar-reat."*

Minn ezami tax-xhieda migbura u tad-dokumenti prezentati jirrizultaw is-segwenti fatti:

(1) Ian Scott Moyes kien impjegat tas-socjeta` All Seasons Holidays Limited bin-numru tar-registrazzjoni C 37825 u dan mill-25 ta' Jannar 2016 sad-disgha (9) ta' Gunju 2016, li huwa l-perijodu indikat fl-akkuza;[1]

(2) Mary Rose Vella u Charmaine Vella kienu d-diretturi tal-kumpanija All Seasons Holiday Limited fil-perijodu li ghalih jirreferu l-ammonti li ma thallsux lil Ian Scott Moyes, precizament mill-25 ta' Jannar 2016 sad-disgha (9) ta' Gunju 2016;[2]

(3) Mix-xhieda ta' Amelia Debrincat u mid-dokumenti esebiti jirrizulta li Ian Scott Moyes ghad baqaghlu jiehu l-ammont ta' tlett elef mitejn u tnejn u hamsin ewro u erbgha u tmenin ewro centezmi (€ 3,252.84) ghall-impjieg tieghu mas-socjeta' All Seasons Holidays Limited. Dan l-ammont gie sostnut mill-kalkoli li saru mid-Dipartiment abbazi tad-dokumenti prezentati u mill-parte civile stess li ikkonferma l-kalkoli tad-Dipartiment;[3]

---

[1] Ara xhieda ta' Marcel Tabone moghtija fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2017.
[2] Ara xhieda ta' Dr Daniel Calleja moghtija fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2017.
[3] Ara xhieda ta' Amelia Debrincat moghtija fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2017 u ta' Ian Scott Moyes moghtija fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2017.

(4) Konferma li l-ammont reklamat fl-akkuza huwa korrett inghatat mill-imputata Charmaine Vella *qua* direttrici tal-kumpanija All Seasons Holidays Limited. L-istess imputata kkonfermat ukoll li l-ammont ghadu ma thallasx lil Moyes u li ma kienx sejjer jithallas qabel Moyes jaghmel lilha apologija pubblika tal-hsara li tghid li saret lilha u lill-familja taghha;[4]

Mis-suespost ghalhekk huwa car li mhux biss il-prosekuzzjoni u l-parte civile rnexxielhom jippruvaw il-kaz taghhom sal-grad rikjest mil-ligi fi proceduri penali izda li sahansitra l-istess imputata Charmaine Vella meta hadet il-pedana tax-xhieda kkonfermat li l-ammont indikat fl-akkuza kien korrett u li kien ghadu dovut lil Moyes. Fic-cirkustanzi ghalhekk l-imputati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuzi li gew dedotti fil-konfront taghhom.

Il-posizzjoni adottata minn Charmaine Vella ghan-nom tal-kumpanija li hija ma kinitx se thallas dan l-ammont qabel mal-parte civile Moyes jaghmel apologija pubblika hija **totalment legalment insostenibbli** fil-proceduri odjerni.

Il-paga ta' impjegat hija protetta mil-ligi u l-artikolu 11 tal-Kap. 452 jaghmilha cara b'mod mill-aktar tassattiv li: *"Ħlief meta jkun xort'oħra espressament permess bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att,* ***l-ammont kollu tal-paga li impjegat jaqla' jew li għandha tkun lilu mħallsa, għandha tiġi lilu mħallsa*** *bi flus li għandhom kors legali f'Malta, u kull ħlas jew akkont ta' dik il-paga magħmul f'għamla oħra u kull patt f'xi kuntratt li jaħseb għal xi għamla oħra ta' ħlas jkunu nulli u bla effett."*. Sahansitra l-ligi taghmilha cara wkoll li m'ghandu jkun hemm l-ebda tnaqqis mill-paga, sakemm tali tnaqqis ma jkunux rizultat ta' ftehim bejn il-principal u trade union jew inkella sakemm ma jkunx ordnat minn xi ligi jew rizultat ta' ordni ta' Qorti kompetenti.[5] Huwa car ghalhekk li l-principal ghandu obbligu tassattiv li jhallas il-paga lill-impjegat u li tali hlas tal-paga ma jista' jintrabat mal-ebda kundizzjoni jew xenarju u lanqas ma jista' jsir tnaqqis b'mod awtomatiku tal-paga tal-impjegat. Dan ifisser li l-kumpanija tramite d-diretturi taghha ma setghet qatt legalment torbot il-hlas o meno tal-paga dovuta lil Moyes ma' xi apologija jew

[4] Ara xhieda tal-imputata Charmaine Vella moghtija fis-seduta tas-26 ta' Otturu 2017.
[5] Ara Artikolu 15(1) tal-Kap. 452.

xi forma ta' kundizzjoni ohra. X'seta' gara bejn il-parte civile u l-imputati bhala diretturi tal-kumpanija All Seasons Holidays Limited f'din il-kawza huwa ghal kollox irrilevanti: la darba Moyes kien hadem ghall-kumpanija huwa kien intitolat li jircievi l-paga dovuta lilu xejn aktar u xejn anqas. L-imputati *qua* diretturi kienu obbligati li jaghmlu tali hlas. Ghalkemm kienu pjenament konxji ta' dan in-nuqqas fil-konfront ta' Moyes, huma xorta ghazlu li ma jonorawx l-obbligi legali taghhom hekk kif definiti fl-artikolu 11 *et seq* tal-Kap. 452. Ghaldaqstant huma ghandhom jitqiesu li huma kriminalment responsabbli fit-termini tal-artikoli 45(1) u 45(2) tal-Kap. 452 talli naqsu li jhallsu l-paga lil Moyes, il-beneficcji dovuti lilu, il-vacation leave u festi pubblici. Jekk seta' kien hemm xi vertenzi ohra bejn l-imputati u l-parte civile, l-istess imputati kellhom il-mezzi legali u l-opportunitajiet kollha li jressqu l-pretensjonijiet taghhom fil-forum appositu. Izda dan zgur ma kienx jintitolahom li jzommu l-paga ta' Moyes.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan ma kienx l-ewwel kaz tal-imputati fejn ma hallsux lill-haddiema taghhom. Il-Qorti fehmet id-diffikultajiet li seta' kellhom l-imputati tant li tat cans, ghal darba, darbtejn, tlieta u aktar izda s-sitwazzjoni baqghet li tant persuni kienu qeghdin jaghtu servizz lill-imputati fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija u ma kinux qeghdin jithallsu. In-nuqqas tal-imputati jista' jitqies bhala sfruttar tal-persuna li m'ghandu qatt ikun accettat fis-socjeta' taghna. Id-Dipartiment li jaslulu tant rapporti dwar nuqqas ta' hlasijiet lill-haddiema ghandu jinforma lill-pubbliku b'dan biex min ikun se jmur jahdem ma' dawk li jkunu maghrufa li mhux ihallsu lill-haddiema jkunu jafu bil-problemi li jistghu jiffaccjaw.

Il-Qorti taghmel taghha d-dikjarazzjoni[6] lill-gradwati l-godda nhar il-Ġimgħa 10 ta' Novembru 2017 bit-tema Kunu hbieb tal-foqra: *"Minħabba dan l-atteġġjament soċjoloġiku u ekonomiku, il-bniedem ġie ridott għal sempliċi strument mekkaniku meħtieġ biex is-sistema taħdem – mhux is-sistema għall-bniedem imma l-bniedem għas-sistema! Kull fejn il-bniedem huwa "użat", kull qligħ huwa diżonest."*

[6] L-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech

**DECIDE:**

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi u tal-konstatazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti wara li rat is-sentenzi taghha fix-xhur li ghaddew fil-konfront tal-imputati:

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charmaine Vella et" (Kawza Nru. 798/2012) deciza fis-27 ta' Jannar 2016;

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charmaine Vella et" (Kawza Nru. 356/2015) deciza fl-1 ta' Dicembru 2015;

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charmaine Vella et" (Kawza Nru. 357/2015) deciza fit-22 ta' Settembru 2015;

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charmain Vella et" (Kawza Nru. 661/2015) deciza fl-24 ta' Mejju 2016;

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charmain Vella et" (Kawza Nru. 135/2016) deciza fl-24 ta' Mejju 2016;

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charmaine Vella et" (Kawza Nru. 247/2016) deciza fit-28 ta' Lulju 2017;

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charmaine Vella et" (Kawza Nru. 248/2016) deciza fl-24 ta' Mejju 2016;

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charmaine Vella et" (Kawza Nru. 560/2016) deciza fl-20 ta' April 2017;

Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charmaine Vella et" (Kawża Nru. 561/2016) deċiża fl-20 ta' April 2017;

Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charmaine Vella et" (Kawża Nru. 99/2017) deċiża fl-20 ta' April 2017;

Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mary Rose Vella" (Kawża Nru. 566/2012) deċiża fis-27 ta' Jannar 2016;

Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mary Rose Vella" (Kawża Nru. 328/2015) deċiża fl-20 ta' Ottubru 2015;

Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mary Rose Vella" (Kawża Nru. 568/2015) deċiża fl-1 ta' Diċembru 2015;

Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mary Rose Vella" (Kawża Nru. 262/2016) deċiża fl-24 ta' Mejju 2016;

Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mary Rose Vella" (Kawża Nru. 390/2016) deċiża fl-20 ta' April 2017;

Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mary Rose Vella" (Kawża Nru. 480/2016) deċiża fl-20 ta' April 2017;

Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mary Rose Vella" (Kawża Nru. 17/2017) deċiża fis-16 ta' Mejju 2017;

Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) Għawdex – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mary Rose Vella et" (Appell Nru. 60/2016) deċiża fit-13 ta' Ottubru 2017;

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) Ghawdex – fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mary Rose Vella" (Appell Nru. 61/2016) deciza fit-13 ta' Ottubru 2017;

U wara li l-rat l-Artikoli 45(1), 45(2) u 46 issib lill-imputati hatja u tikkundannhom elf ewro (€1,000) kull wahda minnhom, total ta' elfejn ewro (€2,000) liema multa ghandha tithallas immedjatament inkella tkun konvertita fi prigunerija bir-rata ta' hamsa u tletin ewro (€35) kuljum.

*In Oltre* ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lil Mary Rose Vella u Charmaine Vella sabiex fi żmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza jħallsu lil Ian Scott Moyes l-ammont ta' tlett elef mitejn u tnejn u hamsin ewro u erbgha u tmenin ewro centezmi (€ 3,252.84) lilu dovuti.

**Dr. Joe Mifsud**
**Magistrat**